**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 27/2023 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stephen Gulia)**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**-Vs-**

**MOHAMOUD AFI ABDIWALI**

**u**

**-*OMISSIS*-**

**Illum 11 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **MOHAMOUD AFI ABDIWALI** ta' 25 sena, iben Mohamoud u Sarelo, imwieled 1 ta' Jannar 1998 ġewwa Somalia, detentur ta' Refcom 32299, detentur tan-numru tal-Pulizija 20L-002 u mingħajr indirizz fiss, u *Omissis*, akkużati talli:

1. talli fl-10 ta' jannar 2023 għal ħabta ta' bejn l-04:00Hrs u l-04:30Hrs ta ' filghodu ġewwa Triq Diċembru Tlettax, Marsa u fl-akwati tal-madwar ikkommettew serq ta' oggetti minn fuq il-persuna ta' Akhil George liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil- ħin u li sar għad-dannu tal-istess Akhil George u/jew ta ' xi persuna/i oħra u jew ta ' xi entitajiet oħra

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat u jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Akhil George kontra l-volonta ' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex jkun mġiegħel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjgu.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkagunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Akhil George liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Rebecca Fonk detentriċi ta' numru tar-reġistru mediku 3482 tal- Isptar Mater Dei.

Lil *Omissis* waħdu;

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħhu riċediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil- konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbiddlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil- proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklolu 533 tal-Kapitlu 9 tal- liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il- persuni hawn fuq indikati

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkuzi u jikkonfermawhom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputati jwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lill-imputat Mohamoud Afi Abdiwali waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu 2024 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara illi kkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu.

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2024 fejn ġie ordnat is-separazzjoni tal-proċeduri bejn l-imputat u *Omissis* b'dan li l-proċediment fil-konfront tal-imputat Mohamoud Afi Abdiwali jitmexxa u jiġi deċiż separament mill-proċediment fil-konfront ta' *Omissis*;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u bl-assistenza ta' żewġ interpreti ġuramentati, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati kommessi fejn il-vittma safa attakkat u msawwat b'oġġett iebes li fix-xhieda tiegħu iddeskriva bħala martell u sofra offiżi f'diversi partijiet ta' ġismu inkluż fuq rasu. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-ammissjoni saret meta l-proċeduri diġa' kienu fi stat avvanzat tant illi l-Prosekuzzjoni kienet ressqet il-provi kollha

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi għalkemm l-imputat ammetta l-ħtija wkoll għar-reati fit-tieni u fit-tielet imputazzjonijiet, ċioe' li ssekwestra illegalment u kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-vittma, Akhil George, huwa evidenti li dawn iż-żewġ reati servew bħala mezz biex isir ir-reat ta' serq aggravat u għalhekk, għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-aktar gravi li f'dan il-każ huwa l-istess reat ta' serq aggravat, addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti qieset ukoll il-gravita` tas-serqa li l-imputat gie akkużat li kkommetta flimkien ma' persuni oħrajn. Aġir bħal dan huwa kundannabbli bl-iktar mod iebes għaliex l-effett inevitabbli ta' dawn id-delitti huwa t-trawmatizzar ta' persuni li jkunu għaddejjin għall-affarijiet tagħhom u konsegwentement it-tnissil ta' biża' fost il-membri tas-soċjeta' għas-sigurta' personali tagħhom u l-inkolumita' tal-proprjeta' tagħhom.

Magħdud dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena karcerarja effettiva.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17(h), 20, 31, 86, 87(1)(ċ)(e), 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 274(ċ), 275 u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil MOHAMOUD ALI ABDIWALI ħati tal-imputazzjoniijet kollha u tikkundannah tliet (3) snin priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali, kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ħati ikun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom ġie hekk misjub ħati u kkundannat b'din is-sentenza, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taħt din il-kundanna.**

**Għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Akhil George, għal perijodu ta' tliet (3) snin, liema perijodu jibda jgħodd mid-data li fiha tiġi skontata s-sentenza.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur nofs l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, liema spejjez għandhom jiġu likwidati mill-istess Reġistratur u għal dan il-għan tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**Tordna wkoll li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAĠISTRAT.**